

Brussell, 1 ta' April 2022
(OR. fr)

7683/22

FIN 368
INST 100
PE-L 14

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	7514/22
Suġġett:	Trasferiment tal-appropriazzjonijiet Nru DEC 07/2022 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2022

1. Fit-23 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet Nru DEC 07/2022, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju¹.

L-għan ta' din il-proposta huwa t-trasferiment ta' ammont ta' EUR 350 miljun f'appropriazzjonijiet mhux differenzjati mill-partita 08 02 05 11 (*Riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu*) għall-partita 08 02 03 11 (*Miżuri eċċezzjonali*), kif jinsab fid-dokument 7514/22.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

2. L-għan ta' dan it-trasferiment huwa li jiffinanzja parti mill-pakkett ta' miżuri eċċezzjonali għall-bdiewa l-aktar milquta bħala rieżultat ta' disturbu fis-suq ikkawżati mill-kriżi fl-Ukrajna, f'konformità mal-punt 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali 2013/C 373/01 tat-2 ta' Diċembru 2013.
3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tal-31 ta' Marzu 2022.
4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
 - il-proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet, kif tinsab fid-dokument 7514/22; u
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNEX għal din in-nota.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: President tal-Kunsill

lil: President tal-Parlament Ewropew

kopja: Il-President tal-Kummissjoni

Sinjura President,

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Lulju 2018¹, ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment tal-appropriazzjonijiet Nru DEC 07/2022 fit-Taqsima III - Kummissjoni -tal-baġit ġenerali għall-2022.

(Formola ta' għeluq).

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).